PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Għawdex

Nifs ġdid lil Għawdex
tagħna, reġjun uniku

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Nifs ġdid lil Għawdex tagħna, reġjun uniku

Għawdex

# Li tgħix jew taħdem f'Għawdex jeħtieġ isir vantaġġ.

## Għawdex ma jistax jibqa' jipprova jiffunzjona fil-periferija. L-isfida tal-aċċessibbiltà mhijiex biss id-distanza fiżika, imma l-aċċess fil-ħin għas-servizzi, għax-xogħol u għall-opportunitajiet. Irridu niżviluppaw sistema li twaħħad lil Għawdex mal-kumplament ta' Malta – pajjiż wieħed, li jaħdem u kompetittiv

Għawdex illum għadu jġorr piż strutturali li qed jaffettwa direttament il-ħajja ta' kuljum tan-nies: id-distanza. Din ir-realtà tfisser li l-familji jitilfu ħafna ħin prezzjuż huma u jivvjaġġaw, negozji jġarrbu spejjeż akbar, u ż-żgħażagħ iħossuhom imġiegħla jitilqu biex jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom.

Din il-proposta tibdel dan il-mudell mill-qiegħ. L-aċċessibbiltà ssir il-prinċipju ċentrali tal-iżvilupp ta' Għawdex: mhux biss kif tasal Malta, imma kif tasal fuq il-lant tax-xogħol, l-aċċess għas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi mingħajr intoppi u mingħajr telf ta' ħin. Permezz ta' sistema integrata li tgħaqqad it-trasport effiċjenti, bosta soluzzjonijiet diġitali u livell ta' awtonomija msejjes fuq l-istatus ta' Għawdex Reġjun, gżiritna tibda verament tiffunzjona bħala parti integrali mill-pajjiż kollu.

Persuna li tgħix Għawdex ikollha l-istess aċċess, bl-istess kwalità u fl-istess ħin, bħal min jgħix Malta. Meta dan jintlaħaq, l-insularità doppja tieqaf tkun ostaklu u s-suġġett ewlieni tad-diskussjoni f'Għawdex. Għawdex ma jibqax periferija li tipprova tlaħħaq... u jsir reġjun li jattira, joħloq u jiftaħ il-bibien beraħ tal-opportunitajiet ġodda għall-pajjiż kollu.

Irridu aċċessibbiltà – mhux biss fiżika, imma politika, diġitali, fis-saħħa, u fl-edukazzjoni.

Dan hu Għawdex ta' Għada – Għawdex b'nifs ġdid.

Pjan ta' Azzjoni

# L-aċċessibbiltà - iċ-ċavetta għal Għawdex

Nagħmlu lil Għawdex reġjun verament integrat fil-pajjiż billi neliminaw l-effetti tal-insularità doppja u nibdluha f'vantaġġ kompetittiv. Bħall-kumplament ta' Malta, Għawdex irid isib il-mezz kif jittrasforma l-limitazzjonijiet tiegħu f'vantaġġ għalih - b'sintonija mal-politika nazzjonali u b'ċerta libertà fil-governanza tiegħu.

Nemmnu fil-potenzjal ta' Għawdex. Ċerti li Għawdex jista' jisboq il-limitazzjonijiet tiegħu u jikkontribwixxi ferm u ferm aktar milli qed jagħmel għas-suċċess ta' pajjiżna. Qabel l-inizjattivi materjali, dan il-programm hu pjan konkret li jaffettwa l-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet. Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg, mill-ewwel ġurnata jibda jevalwa l-prinċipju tal-aċċessibbiltà għal Għawdex f'kull deċiżjoni li jieħu u jassigura li dan il-prinċipju jkun osservat f'kull livell fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet.

Kull deċiżjoni - fit-trasport, fis-saħħa, fl-edukazzjoni, fl-ekonomija u fid-diġitalizzazzjoni - tiġi evalwata skont impatt dirett fuq kemm tagħmel lil Għawdex aktar aċċessibbli, aktar konness u aktar kompetittiv.

Il-proposti f'dan il-programm elettorali, fost l-oħrajn iwasslu biex:

- itaffu l-ħela tal-ħin u l-inċertezza int u tivvjaġġa fil-fliegu,
- itaffu l-ispejjeż li għandhom in-negozji Għawdxin b'rabta mal-ġarr u l-loġistika,
- inaqqsu il-pressjoni fuq il-familji Għawdxin u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom,
- jixprunaw l-opportunitajiet tax-xogħol u l-intrapriża f'Għawdex,
- jgħinu liż-żgħażagħ Għawdxin jilħqu l-miri tagħhom f'Għawdex stess, u
- inaqqsu l-frammentazzjoni diġitali u amministrattiva.

B'din l-istrateġija, is-sistemi differenti li jaqdu lil Malta u lil Għawdex ma jibqgħux joperaw b'mod kompartimentalizzat, bħallikieku kulħadd għal rasu, iżda jaħdmu b'koordinazzjoni u sintonija biex int tinqeda aħjar u aktar malajr.

F'Għawdex nadottaw mudell "remote-first" li jneħħi l-bżonn ta' vjaġġar lejn ix-xogħol, in-negozju u s-servizzi sa fejn dan ikun possibbli u utli. L-aċċess għas-servizzi essenzjali bħas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi pubbliċi jissaħħaħ billi jitneħħew l-ostakli biex dawn joperaw bħala network wieħed nazzjonali, mhux żewġ sistemi separati. L-Isptar t'Għawdex isir parti integrali min-network ta' sptarijiet f'Malta u niżguraw li s-sistemi elettroniċi tiegħu jkunu integrati għalkollox ma' dawk f'Malta biex kull servizz li jista' jingħata online ikun aċċessibbli bl-istess mod kif inhu f'Malta.

Bil-mudell ta' Tmexxija Reġjonali, id-deċiżjonijiet politiċi u amministrattivi jittieħdu eqreb lejn Għawdex biex l-aċċess ma jibqax jiddependi għalkollox miċ-ċentru. Dan jagħti nifs ġdid lil Għawdex.

Proposti Ewlenin

01

# Inkabbru l-Port tal-Imġarr

Bi prijorità ewlenija, wara konsultazzjoni mal-partijiet konċernati, NGOs, negozji, operaturi tad-dgħajjes tat-turisti u sajjieda, jibda t-tkabbir tal-Port tal-Imġarr, li jkun jinkludi parkeġġ għall-Għawdxin. Wara nissoktaw bi proġett fil-Port taċ-Ċirkewwa li jkun jinkludi investiment fis-South Quay u parkeġġ akbar bħala inċentiv biex aktar nies jaqsmu lejn Għawdex mingħajr il-vettura.

02

# Port alternattiv

Nibdew ħidma biex finalment nidentifikaw sit f'Għawdex li fih jista' jiġi żviluppat port żgħir alternattiv għall-gżira Għawdxija b'għaqal fir-rigward tal-impatt ambjentali u soċjali.

03

# Żewġ vapuri ġodda

Nikkummissjonaw żewġ vapuri ġodda, wieħed għall-passiġġieri u ieħor għall-ġarr tal-merkanzija, bil-vapur il-ġdid tal-passiġġieri jidħol fl-operat bejn iċ-Ċirkewwa u l-Imġarr sal-2029. Niżguraw li dan il-vapur tal-passiġġieri jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u jkun jinkludi wkoll calming room. Barra minn hekk se niżguraw li l-bqija tal-vapuri jkollhom calming room.

04

# Konnettività bejn il-portijiet

Fl-ewwel sena tal-leġiżlatura, jerġa' jibda jaħdem is-servizz tal-merkanzija bi skeda speċifika lejn il-Port il-Kbir. Ladarba jidħol fl-operat il-vapur il-ġdid li se jintuża għall-ġarr tal-merkanzija, dan is-servizz jiġi estiż ukoll lejn il-Freeport, filwaqt li l-vapur MV Gaudos jiġi mgħammar b'hoistable decks bħall-vapuri l-oħra. Dan jgħin ukoll biex tonqos il-konġestjoni fit-toroq f'Malta billi l-merkanzija lejn Għawdex tinġarr bil-baħar mhux taqsam Malta fuq l-art saċ-Ċirkewwa.


GOZO CHANNEL LINE
GAUDOS

05

# Fast Ferry aktar spiss u f’ħinijiet ġodda

Nemmnu li s-servizz tal-Fast Ferry għandu jkun aktar frekwenti matul il-ġurnata, u li fil-peak hours is-servizz għandu jopera kull nofs siegħa. Is-servizz għandu jkompli sa nofsillejl matul il-ġimgħa, filwaqt li fi tmiem il-ġimgħa għandu jiġi estiż sa wara nofsillejl. Matul il-ġranet b’avvenimenti ewlenin fil-Belt Valletta jew fil-viċinanzi, is-servizz għandu jopera bħala shuttle service.

06

# Taskforce tal-Kabinett

Inwaqqfu taskforce interministerjali b’responsabbiltà diretta dwar l-aċċessibbiltà ta’ Għawdex, b’miri operattivi u tal-kontabbiltà ċari. Fl-istess ħin, jibda l-allinjament immedjat tas-servizzi eżistenti – mill-iskedi tat-trasport sal-użu tas-servizzi diġitali – biex intejbu minnufih il-kwalità tal-ħajja ta’ kuljum tal-Għawdxin u l-Maltin.

07

# Trasport Pubbliku li jaqdik

F’Għawdex niżguraw li s-servizz tat-Trasport Pubbliku, barra li jkun servizz li jaħdem kollu bl-enerġija elettrika, ikun aktar aċċessibbli, frekwenti u jilħaq aktar postijiet fl-irħula Għawdxin, u lill-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex. Dan is-servizz għandu jkun attrezzat b’diversi elementi ġodda li jgħinu lill-persuni bi bżonnijiet speċjali, fosthom vuċi elettronika li tħabbar il-waqfiet u li bħalissa mhux dejjem tiffunzjona.

08

# Industrija “transport-neutral”

Irridu li f’Għawdex nibnu ekosistema mmirata favur is-setturi ta’ valur miżjud għoli li ma jiddependux mit-trasport. Fost dawn hemm il-medtech, custom solutions, u l-iżvilupp u l-inġinerija tas-software, l-AI, is-cybersecurity, in-New Space, u l-analitika tad-data, l-ekonomija l-ħadra u t-teknoloġiji sostenibbli, l-agritech, l-innovazzjoni fis-saħħa, u s-sistemi diġitali tas-saħħa, l-awtomatizzazzjoni u l-marketing diġitali. Dan nagħmluh billi noffru skemi ta’ seed funding sa massimu ta’ €75,000 biex kumpaniji ġodda f’dawn l-oqsma jistabbilixxu ruħhom f’Għawdex.

09

# Sptar ġdid parti min-network nazzjonali tas-saħħa

B’mod immedjat, nibdew infasslu pjan ċar għall-bini ta’ sptar ġdid ta’ 400 sodda f’Għawdex, li jkun jagħmel parti min-Network Nazzjonali tal-Isptarijiet. Sptar li jkun attrezzat bl-aħħar teknoloġija u standards tal-kura, u li jkun jinkludi wkoll ħeliport qrib id-Dipartiment tal-Emerġenza tiegħu biex il-pazjent jasal l-Isptar Mater Dei fl-iqsar ħin possibbli.

Aktar Proposti

# Għawdex Reġjun

## 10. Għawdex Reġjun fil-Kostituzzjoni ta' Malta

Fl-ewwel sena inressqu emenda għall-Kostituzzjoni fil-Parlament sabiex Għawdex, darba għal dejjem, jingħata l-istatus ta' Reġjun effettiv fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna. Dan l-istatus speċjali għandu jsaħħaħ il-każ ta' Għawdex biex il-gżira tieħu l-post li jixirqilha fl-amministrazzjoni ta' pajjiżna. Gżira b'ekonomija iżgħar u partikolari, bi sfidi ta' konnettività u servizzi, imma fuq kollox bil-potenzjal li tkun magna b'saħħitha fl-ekonomija ta' pajjiżna.

## 11. Kisbiet aqwa għal Għawdex

B'dan l-istatus ta' Reġjun fil-Kostituzzjoni, Għawdex jerġa' jkun fl-istat li jsawwar il-futur tiegħu, f'rispett lejn l-istrateġiji nazzjonali. Dan, fost l-oħrajn, jista' jippermettilna nakkwistaw fondi Ewropej addizzjonali għal Għawdex.

## 12. Network internazzjonali isħaħ għal Għawdex

Nibdew billi nifthu Uffiċċju ta' Rappreżentanza għal Għawdex fi Brussell.

# It-turiżmu f' Għawdex

## 13. Nibnu l-breakwater ta' Marsalforn

Nifhmu t-tbatija li għaddej minnha min qed jipprova jaqla ħobżu u jgħix f'dan iċ-ċentru turistiku li jixraqlu ħafna aħjar u għalhekk irid jinbena breakwater.

## 14. Destination Management Organisation għal Għawdex

Inwaqqfu Destination Management Organisation (DMO) bħala entità indipendenti, b'appoġġ finanzjarju mis-settur pubbliku, responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' Politika Turistika għal Għawdex. Din l-entità tkun responsabbli wkoll għall-istrateġija promozzjonali ta' Għawdex li ssaħħaħ u tikkonsolida s-setturi tal-għadds, l-iskejjel tal-lingwi, il-kultura, ir-reliġjon, in-natura, l-avvenimenti u l-gastronomija, filwaqt li tikkunsidra wkoll li tinkludi niċeċ ġodda fosthom ir-residenzi artistiċi, l-academic retreats, l-avventura, l-isport, il-mixi, in-nomadi diġitali, il-wellness u l-wellbeing.

## 15. L-ekokontribuzzjoni tintefaq f'Għawdex stess

Nintrabtu li l-ekokontribuzzjoni turistika miġbura mingħand l-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni Għawdxin titwarrab biex tiġi investita kollha kemm hi f'Għawdex stess. Dak id-dħul jingħadda lid-DMO biex jintuża direttament għall-promozzjoni u l-iżvilupp tal-prodott turistiku Għawdxi.

## 16. Tnaqqis fit-tariffa tal-liċenzji

Tnaqqis fit-tariffi tal-liċenzji għal-lukandi, il-boutique hotels, ir-ristoranti u l-istabbilimenti kummerċjali turistiċi f'Għawdex, biex b'dan it-tnaqqis ikunu jistgħu jassorbu l-ispejjeż addizzjonali li ġġib magħha l-istaġunalità, mingħajr ma jkollhom jgħaddu dan l-piż lill-konsumatur.

## 17. Tax credits

Nintroduċu tax credits għal min jaħdem għal minimu ta' 12-il xahar fis-settur tal-ospitalità f'Għawdex, kif ukoll skemi għall-istudenti biex jagħmlu esperjenza ta' xogħol fis-settur turistiku fi tmiem il-ġimgħa jew tul ix-xhur sajfin.

## 18. Edukazzjoni turistika

Minn età bikrija fl-iskejjel Għawdxin, inniedu inizjattivi edukattivi relatati mat-turiżmu, inkluż trails Turistiċi u ta' Patrimonju. Fl-iskejjel sekondarji, nippromovu aktar l-ospitalità billi noffruh fost is-suġġetti elettivi f'kull skola Għawdxija. Hekk iżjed studenti Għawdxin jitħajru jkomplu l-istudji tagħhom fl-ITS u jaqbdu karriera fis-settur turistiku. Fil-livell postsekondarju u terzjarju noffru inċentivi u grants lil studenti Għawdxin li jkomplu bl-istudji tagħhom f'oqsma relatati mat-turiżmu u l-ospitalità.

## 19. Nomadi diġitali

Inħejju pjan biex nattiraw nomadi diġitali lejn Għawdex, filwaqt li niżguraw li ma jkunx hemm limitazzjonijiet fuq it-tul taż-żjarat li jaf ixekklu lil dan it-tip ġdid ta' turiżmu.

## 20. Ġbid tal-films f'Għawdex

Naraw li anki Għawdex jgawdi iktar minn produzzjonijiet tal-films. Dan billi noffru inċentivi lill-produtturi tal-films u nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali tal-loġistika li jġarrbu meta jużaw lil Għawdex għall-ġbid tal-films tagħhom. Il-wirt naturali u kulturali ta' Għawdex tagħna jkompli jsaħħaħ il-potenzjal ta' pajjiżna għal din l-industrija importanti.

## 21. Diving wrecks u artificial reefs

Niffaċilitaw il-ħolqien ta' attrazzjoni tal-għadds: diving wrecks u artificial reefs ġodda madwar Għawdex u Kemmuna, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Master Plan tad-Diving għal Għawdex. Apparti li jservu ta' attrazzjoni minnhom innifishom, dawn ikattru wkoll il-bijodiversità, inkluż ħut ta' kull xorta u ħlejjaq tal-baħar oħrajn. Noħolqu wkoll kitting-up areas attrezzati fiż-żoni kostali fejn hemm diving wrecks f'Għawdex.

## 22. Mużew taħt il-baħar

Noħolqu Mużew taħt il-Baħar bħala attrazzjoni turistika ġdida għas-settur tal-għadds.

## 23. Żoni marini protetti

Nintroduċu Żoni Marini Protetti f'ċerti żoni strateġiċi tal-baħar, b'infurzar u tmexxija xierqa, b'mod speċjali fiż-żoni fejn jitrabba u jikber il-ħut. B'hekk insaħħu l-bijodiversità u nżidu l-kwantitajiet tal-ħut fl-ibħra Maltin.

## 24. Boutique cruise liners

Nibnu moll għal boutique cruise liners f'Għawdex u nvaraw strateġija biex jiżdied in-numru ta' boutique cruise liners li jżuru l-gżira Għawdxija, b'mod speċjali fix-xhur ta' qabel u wara s-sajf.

## 25. Bilanċ ġust

Nistinkaw favur il-bilanċ bejn l-attività turistika f'Għawdex u t-trankwillità għal min jgħix fil-gżira, biex l-Għawdxin ma jispiċċawx iħossuhom żejda f'arthom stess kif ġara bnadi oħra bil-problemi tal-overtourism. Bis-saħħa tal-Osservatorju Turistiku Malti, inniedu proġett pilota f'dan ir-rigward ħalli t-turiżmu f'pajjiżna jkun tabilħaqq sostenibbli u ma jeqridx lil dak li t-turisti stess ifittxu f'Għawdex.

# Gżira mogħnija storja u kultura

## 26. Victoria 2031

Nagħtu sapport sħiħ lill-Fondazzjoni Victoria 2031, biex il-Belt Victoria tikseb suċċess bħala l-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2031, u niżguraw li l-Victoria 2031 tħalli warajha l-aqwa legat fit-tul possibbli għall-gżira kollha. Din hija opportunità tad-deheb għal Għawdex u l-pajjiż kollhu.

## 27. Sħab mal-volontarjat

Noħolqu Fond ta' Appoġġ serju u mingħajr burokrazija li jkun maħsub apposta għall-għaqdiet volontarji Għawdxin biex jgħinhom fl-organizzazzjoni tal-festi, it-tmexxija tal-mużewijiet u ċentri kulturali privati, attivitajiet kulturali, festivals, kunċerti, produzzjonijiet teatrali, musicals, opri u konferenzi, ħalli Għawdex jibqa' animat tul is-sena kollha. Dan il-Fond ikun intiż biex itaffi ammont sostanzjali mill-ispejjeż li l-NGOs Għawdxin iġarrbu biex jorganizzaw dawn l-avvenimenti li minnhom tgawdi l-ekonomija.

## 28. Sħubijiet pubbliċi privati għar-restawr u l-konservazzjoni

Noħolqu sħubija pubblika privata mal-privat u s-settur tal-volontarjat ħalli, bl-għajnuna ta' Multiplier Fund, nagħtu attenzjoni partikolari lir-restawr u l-konservazzjoni tal-wirt Għawdxi biex nassiguraw li jinħolqu l-ekonomiji ta' skala meħtieġa ħalli Għawdex jipprovdi opportunitajiet tax-xogħol biżżejjed għal servizzi mill-aqwa f'dan is-settur.

## 29. Il-Mużew ta' Għawdex

Intemmu l-proġett u niftħu mingħajr aktar dewmien il-Mużew ta' Għawdex ħalli nżidu attrazzjoni ewlenija oħra f'Għawdex mal-postijiet ta' interess li jżuru t-turisti.

## 30. Restawr u konservazzjoni

Gvern ġdid Nazzjonalista jibda jwettaq programm estensiv ta' restawr u konservazzjoni ta' siti storiċi f'Għawdex li tħallew jaqgħu lura, bħall-Batterija tal-Qbajjar, it-Torri ta' Kenuna, u t-Trunċiera taż-Żewwieqa, fost l-oħrajn.

## 31. Park Arkeoloġiku fix-Xagħra

Niżguraw ħarsien tal-wirt uniku dinji fiċ-Ċirku tax-Xagħra (il-Gozo Stone Circle) u f'Santa Verna, u li dawn jinfetħu għall-pubbliku. Inħarsu wkoll il-Ġgantija, in-Nuffara u siti oħra fil-madwar, biex flimkien jiffurmaw il-Park Arkeoloġiku tax-Xagħra li nistabbilixxu fl-ewwel sena tal-leġiżlatura.

## 32. Il-Pompa tal-Ilma fi Mġarr ix-Xini

Nirrestawraw il-Pompa tal-Ilma storika fi Mġarr ix-Xini, u noħolqu l-Mġarr ix-Xini Heritage Park bħala ċentru ta' edukazzjoni ambjentali, dwar il-konservazzjoni tal-ilma u l-wirt kulturali, kif ukoll għall-attivitajiet relatati mal-isports tal-avventura, il-wellness u l-isports meditattivi. Ninvolvu lill-Kunsilli Lokali u lill-komunitajiet Ta' Sannat u x-Xewkija f'dan il-proġett importanti għal din iż-żona.

## 33. Għajnuna fl-ispejjeż bażiċi

Nassiguraw li l-għaqdiet volontarji li qed jikkontribwixxu b'mod tanġibbli għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'Għawdex ikunu megħjuna jkopru l-operat bażiku. Niżguraw li l-Gvern itaffi l-ispejjeż statutorji bħal miżati, tariffi għal servizzi pubbliċi, u oħrajn.

## 34. Qafas ta' finanzjament multiannwali

Naraw li l-għaqdiet volontarji attivi f'oqsma diversi ma jibqgħux jiddependu fuq talbiet kontinwi lill-Gvern. Minflok, nipprovdulhom finanzjament ippjanat għal ħames snin bis-saħħa ta' qafas ta' finanzjament multiannwali li jkun marbut ma' miri u riżultati ċari. B'dan il-mod inkunu qed nuru apprezzament u nibnu sħubija ma' dawk li dejjem jikkontribwixxu għall-kultura u l-ekonomija tal-gżira.

# Gżira b'identità u karattru uniċi

## 35. Studju fuq l-Carrying Capacity

Invaraw studju dwar il-carrying capacity għall-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna. Hekk inkunu nistgħu nwettqu l-wegħda tagħna ta' tkabbir bi pjan u ta' kwalità fis-snin li ġejjin. Irridu niżguraw li ma nitilfux l-għerq ta' dak li jsawwar lil Għawdex.

## 36. Inħarsu dak li jsawwar lil Għawdex

L-ewwel prijorità tagħna tibqa' li nħarsu l-karatteristiċi tradizzjonali u naturali li jsawru lill-gżira Għawdxija. Irridu nħarsu l-bijodiversità, l-art agrikola u l-ekosistemi kostali u tal-baħar. Irridu wkoll nassiguraw li l-irħula Għawdxin jibqgħu kemm jista' jkun maqtugħa minn xulxin b'art li tħaddar u tiddistingwi. Għalhekk nimpenjaw ruħna li nipproteġu bis-sħiħ il-wesgħat u x-xaqlibiet kbar imħaddra bejn l-irħula Għawdxin.

## 37. Green Belt fir-Rabat

Nerġgħu nirripristinaw il-green belt li kien jgħaqqad iċ-ċentru tal-Belt Victoria maż-żona rurali lil hinn minn Triq Fortunato Mizzi. Naċċertaw li f'din il-green belt strateġika li tagħti nifs f'dan l-ambjent urban, kull żvilupp ma jeqridx dan il-ġid prezzjuż. Nassiguraw li l-ġnien fuq il-parkeġġ qrib il-Venda tal-Linja jkun tabilħaqq ġnien matur li joħloq ambjent ta' mistrieħ.

## 38. Pjan għal-lokalitajiet

Isir Pjan għal-lokalitajiet kollha f'Għawdex li jispjega b'mod ċar il-karattru ta' kull raħal, jidentifika u jelenka l-binjiet ta' interess storiku, arkitettoniku jew kulturali, wirt naturali, faċilitajiet pubbliċi, karatteristiċi strateġiċi u aspetti oħra importanti. Dan il-pjan ikun joffri direzzjoni ċara dwar id-disinn, il-volum, l-għoli u l-estetika ta' kull żvilupp għal dik il-lokalità Għawdxija, anki b'policies speċifiċi.

## 39. Proprjetajiet ta' preġju

Inniedu skema li tinkoraġġixxi r-restawr u l-konverżjoni ta' proprjetajiet kbar ta' preġju, biex jingħataw il-ħajja u jinbidlu f'attrazzjonijiet kulturali, boutique hotels u guest houses jew f'użi oħra kompatibbli ma' Għawdex.

## 40. Eżenzjoni mit-taxxa tal-bejgħ

L-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri tal-proprjetà tiġi estiża għal Għawdex biex tinkludi l-proprjetajiet vernakulari u oħrajn li nbnew wara l-gwerra u li jinsabu barra miż-Żona Urbana ta' Konservazzjoni (UCA) bil-kundizzjoni li x-xerrej jikkometti ruħu li jippreserva l-integrità tal-proprjetà. Din l-estensjoni tibqa' fis-seħħ sakemm jiġi konkluż eżerċizzju, li jkun parti mill-Pjan għal-Lokalitajiet, ta' tkabbir taż-żoni ta' UCA, biex inneħħu l-inkonsistenzi u t-trattamenti inugwali.

## 41. Eżenzjoni minn spejjeż statutorji fil-UCA

Biex inkomplu nixprunaw ir-riġenerazzjoni taċ-ċentri storiċi tal-bliet u l-irħula tagħna, inniedu proċess biex l-applikanti jkunu eżentati minn spejjeż bħall-tariffi tal-applikazzjonijiet tal-ippjanar u tariffi statutorji oħra meta ssir applikazzjoni għal restawr u użu mill-ġdid ta' binjiet fil-UCA ta' Għawdex.

## 42. Postijiet tad-divertiment

Nagħtu inċentivi biex jinfetħu postijiet regolati tad-divertiment f'żoni stabbiliti li diġà huma kommessi għal użi rikreattivi, turistiċi u attivitajiet simili. Dan biex l-istudenti u ż-żgħażagħ Għawdxin ikollhom aktar postijiet fejn jiffrekwentaw fil-gżira Għawdxija, filwaqt li jibqa' jiġi diversifikat il-prodott turistiku.

## 43. Ċentri taż-żgħażagħ f'Għawdex

Inniedu skema ta' €2 miljun ta' għajnuna finanzjarja biex l-NGOs Għawdxin ikomplu jinvestu f'Ċentri taż-Żgħażagħ f'Għawdex u joħolqu fihom attrazzjonijiet moderni li jiġbdu lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ, u joffru opportunitajiet ta' divertiment, mistrieħ u tagħlim f'ambjenti li jilqgħuhom u jindukrawhom.

## 44. Imħażen għall-Karnival

Nidentifikaw żona biex nibnu numru ta' mħażen li jintużaw mill-parteċipanti tal-Karnival ta' Għawdex, biex fihom ikunu jistgħu joħolqu l-karrijiet artistiċi tagħhom mingħajr id-diffikultajiet attwali.

## 45. Spazji għall-arti

Nerġgħu niftħu galleriji tal-arti, spazji artistiċi u faċilitajiet oħra li ngħalqu mill-Gvern Laburista biex ngħinu lill-artisti Għawdxin jesprimu ruħhom u jesibixxu xogħolhom. Fl-istess ħin, noħolqu programmi ġodda għall-ħolqien ta' arti pubblika f'ċerti żoni Għawdxin.

# Nagħtu prijorità lill-ambjent u l-ispazji pubbliċi

## 46. Mira: Għawdex Net-Zero Island sa 2040

Infasslu pjan ċar u realistiku biex sal-2040, Għawdex isir Net-Zero Island, jiġifieri l-ewwel gżira fil-Mediterran fejn kull unità ta' emissjonijiet iġġenerata tkun imnaqqsa jew ikkumpensata b'inizjattivi konkreti u sostenibbli, bħal skemi għall-installazzjonijiet ta' panelli solari, inċentivi għall-karozzi, taxis u vannijiet elettriċi, skemi biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika fil-binjiet, proġetti ta' restawr ekoloġiku fuq l-art u fil-baħar, afforestazzjoni u proġetti ta' konservazzjoni tal-ilma u l-ħamrija, fost l-oħrajn.

## 47. Pjazez pedonali

Isir Master Plan biex il-pjazza ewlenija ta' kull raħal f'Għawdex tkun f'ċertu ħinijiet pedonali biss, ħalli n-nies jingħataw spazji ġodda fil-qalba tal-irħula tagħhna. Niżguraw li dan il-Master Plan isib bilanċ xieraq bejn l-attività kummerċjali u l-ispazji għan-nies.

## 48. Fond Għawdxi ta' €9 miljun għat-Teatri u ċ-Ċentri Kulturali

Gvern ġdid Nazzjonalista joħloq Fond Għawdxi ta' €9 miljun biex jappoġġa lit-teatri, iċ-ċentri kulturali, is-swali komunitarji u l-ispazji tal-arti f'Għawdex biex dawn ikunu jistgħu jirrestawraw, jespandu, itejbu jew jibnu mill-ġdid il-faċilitajiet tagħhom. Dan il-fond ikun maħsub biex Għawdex jimxi b'mod ċar minn turiżmu mibni fuq il-kwantità għal turiżmu msejjes fuq il-kwalità, l-esperjenza u l-identità kulturali. Il-kultura Għawdxija trid issir waħda mill-pilastri ewlenin ta' mudell turistiku ġdid: wieħed li jattira lil viżitaturi ta' valur ogħla tul is-sena kollha, u mhux biss fl-eqqel tas-sajf. Barra minn hekk, l-applikanti ma jitħallewx waħedhom fil-proċess. Il-Gvern jipprovdi servizz ta' konsulenza professjonali b'xejn biex jgħin lil kull teatru u ċentru kulturali eliġibbli jħejji applikazzjonijiet b'saħħithom, pjanijiet ta' finanzjament u dokumentazzjoni teknika biex ikunu jistgħu jattiraw ukoll fondi oħrajn tal-Unjoni Ewropea

## 49. Ħondoq ir-Rummien

Nassiguraw li tiġi akkwistata ż-żona privata biswit il-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien biex din tiġi riġenerata u tingħata lura lin-nies. Fiha jsir proġett ta' restawr ekoloġiku u tinbidel f'park nazzjonali għall-familja. Naraw ukoll li jsir parkeġġ adegwat, tinħoloq żona għall-caravans u l-camping attrezzata, u jinbnew moll u rampa aktar adattati għaż-żminijiet tal-lum.

## 50. Il-Ġnien Ulisse

Nirriġeneraw il-Ġnien Ulisse fix-Xewkija faċċata tal-Gozo Stadium, biex jinbidel f'żona rikreattiva għall-familja kollha u għall-eluf li jaħdmu fiż-żona industrijali. Noħolqu wkoll parkeġġ fiż-żona għall-benefiċċju ta' dawk li jżuru dan il-park u l-Gozo Stadium.

## 51. Riġenerazzjoni fil-promenade tal-Qbajjar

Isir proġett ta' tisbiħ fil-promenade tal-Qbajjar bl-involviment tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, biex naraw li din iż-żona tissebbaħ u tiġi attrezzata b'water park pubbliku għat-tfal.

## 52. Glamping site f'Għawdex

Noħolqu glamping site mill-aktar moderna u avvanzata li titmexxa b'mod professjonali u mgħammra bil-faċilitajiet kollha li wieħed ikun jistenna.

# Inkomplu nsostnu lill-bdiewa, lir-raħħala u lis-sajjieda

## 53. In-New Water

Nestendu l-infrastruttura tan-New Water lill-bdiewa fi rħula Għawdxin li għad m'għandhomx aċċess għal dan is-servizz. Naħdmu biex ikun hemm provvista tul is-sena kollha. Nistħarrġu modi kif dan l-ilma jista' jinħażen meta ma jintużax minnufih, ħalli jintuża fix-xhur nexfin.

## 54. Tiswija ta' toroq agrikoli

Niżviluppaw u nibdew nimplimentaw strateġija ta' aċċessibbiltà aħjar għall-art agrikola. Inwettqu proġetti ta' titjib tal-passaġġi u bini ta' ħitan tas-sejjieħ f'toroq rurali f'Għawdex, għall-benefiċċju tal-bdiewa u r-raħħala Għawdxin.

## 55. Trasport għall-bdiewa

Insaħħu l-kwalità tas-servizz tat-trasport li jużaw il-bdiewa Għawdxin biex iġorru l-prodotti tagħhom minn Għawdex lejn il-pitkalija f'Malta.

## 56. Ġarr tal-bhejjem

Niżguraw li meta jkun qed jintuża s-servizz tal-Gozo Channel għall-ġarr tal-bhejjem minn Għawdex lejn Malta, ir-raħħala Għawdxin jingħataw prijorità biex jitilgħu fuq il-vapur ħalli ma jkollhomx jistennew għal ħinijiet twal bil-bhejjem tagħhom.

## 57. Irmiġġi għas-sajjieda full-time

Niggarantixxu li s-sajjieda full-time f'Għawdex jingħataw prijorità biex jiksbu rmiġġ fil-Port tal-Imġarr għall-bastimenti tagħhom irreġistrati bħala MFA, u l-użu tal-irmiġġ ikun mingħajr ħlas. Din il-miżura tappoġġa lis-sajjieda Għawdxin, tnaqqas l-ispejjeż tagħhom u tħeġġeġ aktar żgħażagħ biex jidħlu fis-settur tas-sajd.

# Edukazzjoni biex ħadd ma jaqa' lura

## 58. Grant akbar lill-istudenti Għawdxin

Ngħollu l-grant tal-istudenti Għawdxin li jistudjaw Malta għal €400 fix-xahar. Dan biex inkopru ż-żieda fil-prezzijiet tal-kirjiet f'Malta u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja li qed taffettwa wkoll lil dawn l-istudenti li jkunu jgħixu waħedhom f'Malta.

## 59. Il-kampus tal-Università ta' Malta f'Għawdex

B'ħidma mal-Università ta' Malta nwettqu bidliet mill-qiegħ fil-kampus f'Għawdex biex iżid l-ammont ta' korsijiet offruti, b'mod partikolari fl-oqsma STEAM, u jsir tassew mutur għall-iżvilupp tal-ekonomija Għawdxija. Naraw li l-kampus tal-Università jibni alleanzi mal-privat u jaħdem biex jinġiebu konferenzi, avvenimenti, proġetti tar-riċerka, living labs, irtiri ta' kitbiet akkademiċi, u attivitajiet oħrajn f'Għawdex. Barra minn hekk, inkomplu ninvestu f'aktar faċilitajiet biex l-istudenti Għawdxin ikunu jistgħu jsegwu l-lectures tagħhom minn dan il-kampus meta jkun il-maltemp.

## 60. Kampus f'Għawdex ħaj

Biex verament ikollna kampus tal-Università ħaj u vibranti f'Għawdex, irridu li numru ta' korsijiet li bħalissa jiġu offruti biss f'Malta, jiġu offruti minn Għawdex. Għalhekk inniedu studju pilota permezz ta' korsijiet fix-xjenza rurali u l-ambjent li jiġu offruti mill-kampus ta' Għawdex, biex l-istudenti jkollhom l-opportunità jipparteċipaw b'mod prattiku fir-riċerka u attività agrikola f'faċilitajiet pubbliċi fil-madwar. Nipprovdu wkoll aċċess miftuħ għall-faċilitajiet tal-Librerija tal-kampus tal-Imsida minn Għawdex.

## 61. Kampus ġdid tal-MCAST f'Għawdex

Ninvestu f'kampus ġdid u modern tal-MCAST f'Għawdex u niżguraw li dan ikun joffri aktar korsijiet speċjalizzati.

## 62. Insaħħu l-kapaċitajiet fl-artiġġjanat u s-snajja'

Nsaħħu l-kapaċitajiet fl-artiġġjanit u s-snajja' f'Għawdex billi nerġgħu nintroduċu t-tagħlim ta' ħiliet u kompetenzi li ġew skartati fl-aħħar snin. Hekk, it-tfal u l-adulti jkollhom l-opportunità li jissoktaw jitgħallmu tipi differenti ta' snajja' u jiżviluppaw ħiliet prattiċi anki permezz ta' korsijiet part-time.

## 63. Ħajja ġdida lill-kampus tal-ITS

Nagħtu nifs ġdid lill-kampus tal-ITS f'Għawdex u naraw li jerġa' jsir xprun ewlieni biex titjieb il-kwalità tal-industrija turistika f'Għawdex. Fih noffru korsijiet speċifiċi u distinti minn dawk ta' Malta fl-oqsma tal-agrituriżmu, it-turiżmu rurali u l-ekoturiżmu, u dan isir b'affiljazzjoni u b'akkreditazzjoni ma' istituzzjoni vokazzjonali internazzjonali tat-turiżmu rinomata. B'hekk, l-istudenti Maltin u barranin, flimkien mal-istudenti Għawdxin, ikunu jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom f'dawn l-oqsma f'Għawdex.

## 64. Riġenerazzjoni tal-iskejjel primarji kollha

Inniedu proġett ta' riġenerazzjoni tal-iskejjel primarji kollha f'Għawdex u fuq kollox naraw li dawn ikunu aċċessibbli għalkollox għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, jiġu attrezzati b'faċilitajiet sportivi adegwati u spazji ħodor ta' kwalità, u b'sistemi tal-arja kkundizzjonata u multi-sensory room.

## 65. Tisħiħ tal-iskola Ta' Sannat

Inwettqu proġett ta' estensjoni tal-iskola primarja f'Ta' Sannat, li jkun jinkludi investiment f'pixxina idroterapewtika u sensory-friendly, biex tkun tista' tintuża minn studenti bi bżonnijiet speċjali li jattendu l-ispecial unit, kif ukoll minn għaqdiet u individwi oħra fuq bażi privata barra l-ħin tal-iskola.

## 66. Programmi ta' tagħlim alternattiv f'Għawdex

Naraw li l-programmi ta' tagħlim alternattiv jiġu offruti wkoll fl-iskejjel sekondarji Għawdxin għall-istudenti li jippreferu jissoktaw tagħlim iffokat fuq il-ħiliet, inkluż għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, u dan ikun kumplimentat b'inizjattivi ta' apprendistat prattiku.

## 67. Learning Support Educators u Għalliema Għawdxin

Naraw li l-learning support educators u l-għalliema Għawdxin jingħataw prijorità fl-iskejjel Għawdxin, imbagħad, ladarba din id-domanda tintlaħaq, għandhom jingħataw l-opportunità li jaħdmu f'Malta sakemm tinħoloq opportunità f'Għawdex.



### 68. Ċentru tar-riċerka u l-istudju

Niftħu Ċentru tar-Riċerka u l-Istudju ġdid f'Għawdex li jinkorpora l-librerija pubblika ċentrali, l-arkivji nazzjonali ta' Għawdex u spazji moderni silenzjużi għall-istudju, kif ukoll żona għar-riċerka u l-ħidma fi grupp. Iċ-ċentru jkun attrezzat bl-aħħar teknoloġija u riżorsi biex jintuża minn studenti u professjonisti Għawdxin. Dan isir f'qafas ta' proġett pilota li jinfirex mal-pajjiż kollu.

# Qabża ta' kwalità fl-infrastruttura tat-toroq

### 69. Spinta lit-toroq

Nintrabtu li nagħtu spinta lill-istat tat-toroq f'Għawdex billi nwettqu 150 kilometru ta' toroq residenzjali u arterjali f'ħames snin, u mhux fl-aħħar minuta. Matul dan il-proġett, naraw li jinbidlu wkoll is-servizzi kollha għaddejjin mit-toroq. L-identifikazzjoni tat-toroq residenzjali li se jiġu indirizzati jagħmluha l-Kunsilli Lokali Għawdxin. Naraw li fejn isiru toroq arterjali ġodda f'Għawdex, sa fejn ikun possibbli, issir karreġġjata għar-roti.

### 70. Speed camera fi Triq l-Imġarr

Ninstallaw speed camera fi Triq l-Imġarr f'Għajnsielem biex nevitaw aktar inċidenti f'din iż-żona.

### 71. Parkeġġi ġodda fir-Rabat, Marsalforn u x-Xlendi

Noħolqu parkeġġi ġodda u norganizzaw il-parkeġġi eżistenti fil-qalba tal-Belt Victoria, f'Marsalforn u fix-Xlendi. Fl-ewwel leġiżlatura nibdew u llestu x-xogħol fuq it-tkabbir tal-parkeġġ ta' ħdejn Villa Rundle. Malli dan il-proġett jitlesta, nibdew minnufih proġett fil-Pjazza tal-Assedju maġenb Triq Giorgio Borg Olivier. B'dawn il-proġetti mhux biss se noħolqu parkeġġi ġodda, iżda se nikreaw spazji ħodor rikreattivi għall-familji.

# L-aċċessibbiltà hi ċavetta għas-suċċess

### 72. Retrofitting fuq il-vapuri eżistenti

Ladarba jibdew l-operat tagħhom iż-żewġ vapuri l-ġodda, jibda programm ta' retrofitting tat-tliet vapuri eżistenti biex jibdew jaħdmu b'magni ġodda, possibbilment ibridi, ħalli jsiru aktar effiċjenti. Għal dan il-għan nistgħu niksbu fondi Ewropej.

### 73. Priority boarding

Indaħħlu sistema ta' priority boarding permezz ta' sistema online għall-Għawdxin li jkunu jaqsmu l-fliegu b'mod regolari bis-servizzi tal-Gozo Channel jew tal-Fast Ferry, għal raġunijiet ta' xogħol, edukazzjoni u kura medika, inkluż għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Dan inħaddmuh bi kriterji ċari. Din is-sistema tiġi estiża wkoll għall-Maltin li jkollhom xogħlijiet regolari jew negozju f'Għawdex, kif ukoll għall-operaturi tal-garaxxijiet li jaqsmu bil-passiġġieri.

### 74. Aġġornamenti fl-Imġarr u terminal ġdid għall-fast ferry

Inwettqu aġġornamenti u tisbiħ estensivi fit-terminal tal-Port tal-Imġarr. Nibnu terminal modern tal-fast ferry f'Għawdex. Naraw ukoll li t-terminal tal-fast ferry tal-Belt ikun jiflaħ għall-maltemp u jkun aktar faċli biex wieħed jasal għalih. Naraw li dawn it-terminals ikunu aċċessibbli wkoll għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

# Sistema tat-trasport pubbliku li taqdik

## 75. Ċentru multimodali

Naraw li ċ-Ċentru Multimodali li sar f'Ta' Xħajma jkun imqabbad b'shuttle service b'xejn kull nofs siegħa mal-Port tal-Imġarr, u jkun imqabbad ukoll b'servizz ġdid ta' shuttle service mal-Belt Victoria, biex b'hekk isir użu aħjar mill-faċilità tal-park & ride. Inqassru t-traġitt li jgħaqqad liċ-Ċentru mal-Port tal-Imġarr.

## 76. Hub għall-karozzi tal-kiri

Parti minn dan iċ-Ċentru Multimodali jkun ukoll hub għall-karozzi tal-kiri, biex jorganizza aħjar dan is-settur u jonqos l-impatt tal-karozzi tal-kiri fuq il-Port tal-Imġarr u fuq il-parkeġġ tal-madwar. B'hekk, persuni li jaqsmu lejn Għawdex ikunu jistgħu jużaw ix-shuttle service lejn dan il-hub, minn fejn ikunu jistgħu jaqbdu l-vetturi tal-kiri tagħhom.

## 77. Rotot tal-linja f'Malta

Naraw li r-rotta tal-linja f'Malta, użata minn ħafna Għawdxin, li titlaq minn Xatt Lascaris lejn l-Università ta' Malta u l-Isptar Mater Dei, mhux biss tkun sinkronizzata mal-ħinijiet tal-fast ferry, iżda tibqa' topera wkoll fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi, għall-beneficċju tal-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu fl-Isptar Mater Dei, il-pazjenti u l-familjari tagħhom. Barra minn hekk, naraw li r-rotta tal-linja 150 li tgħaqqad Xatt Lascaris mal-MCAST ta' Raħal Ġdid taħdem tul il-ġurnata kollha, u l-ħinijiet tagħha jkunu wkoll sinkronizzati mal-ħinijiet tal-fast ferry. Ir-rotot tal-linja li jitilqu miċ-Ċirkewwa, l-X1A u l-X300, u li jintużaw ukoll minn ħafna Għawdxin, ikunu sinkronizzati mal-wasliet tal-vapuri tal-Gozo Channel.

# Inċentivi lill-istartups f'Għawdex

## 78. Nagħtu l-ħajja lill-Gozo Innovation Hub

Il-Gozo Innovation Hub jingħata l-ħajja billi jiġi trasformat f'Digital, Tech and Innovation Hub, b'uffiċċji modulari u spazji ta' coworking, networking u hotdesking. Partikolarment dan ikun parti minn strateġija nazzjonali biex Malta tespandi s-settur tan-New Space. Barra minn hekk, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Gozo Business Chamber, DIHub MT u l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali, naraw li dan ikun jinkorpora wkoll spazju apposta għall-istartups f'setturi ta' valur għoli miżjud.

# Settur kummerċjali b'saħħtu u diversifikat

## 79. Ċentru tal-loġistika

Noħolqu ċentru tal-loġistika f'Għawdex li jservi bħala punt ta' ġbir u ħatt tal-merkanzija ta' negozji u SMEs Għawdxin, biex it-trasferiment bejn Għawdex u Malta jsir aktar effiċjenti. Dan ikun fih spazju għall-warehousing u sistemi organizzati tad-distribuzzjoni.

## 80. Qasam Industrijali

Irridu noħolqu aktar units industrijali fiż-Żona Industrijali tax-Xewkija minn fejn joperaw l-SMEs Għawdxin.

## 81. Skemi għall-SMEs

Noħolqu skemi għall-SMEs Għawdxin intiżi biex jgħinu lill-operaturi fit-taħriġ diġitali u fil-ħolqien ta' għodod diġitali bħal Apps b'lingwi differenti, sistemi tal-ibbukkjar, awtomatizzazzjoni u marketing diġitali.

## 82. Migrant Workforce Integration Unit

Noħolqu Migrant Workforce Integration Unit biex tgħin lill-intrapriżi jimpjegaw ħaddiema barranin u biex dawn il-ħaddiema jintegraw ruħhom b'korsijiet tal-lingwa Maltija u inizjattivi oħra.

## 83. Xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin

Naraw li s-Servizz Pubbliku u istituzzjonijiet pubbliċi oħra, jiftħu uffiċċju f'Għawdex li minnu jaħdmu l-ħaddiema Għawdxin li diġà jaħdmu ma' dawn l-entitajiet u anke oħrajn ġodda magħhom.

## 84. Back-office work privat f'Għawdex - opportunità għal kulħadd

Nixprunaw l-attività ekonomika tal-back-office f'Għawdex bħal Document Management Centres simili għal dawk li diġà jeżistu, fejn isir l-iskennjar u l-arkivjar tad-dokumenti, servizzi online u attività ekonomika oħra. Nippremjaw lil min jipprovdi opportunitajiet ta' xogħol lill-persuni b'abbiltajiet differenti. Irridu nagħmluha aktar faċli u ninċentivaw ukoll lill-kumpaniji privati biex jittrasferixxu xogħolijiet speċifiċi lejn Għawdex.

## 85. Nindukraw l-artiġġjanat

Nagħtu l-importanza mistħoqqa lis-settur tal-artiġġjanat bħala attività ekonomika essenzjali u parti mill-identità tagħna, billi nsostnu bil-qawwa lill-Gozo Artisan Network ħalli nsarrfu l-potenzjal kollu ta' aktar kollaborazzjoni bejn l-artiġġjani.

# Servizz ta' kwalità tas-saħħa minn Għawdex stess

## 86. Kliniċi stabbli f'Għawdex

Niżguraw li l-Isptar t'Għawdex ma jkunx fih biss kliniċi sporadiċi, iżda nattiraw aktar speċjalisti ta' kwalità li joffru s-servizzi tagħhom b'mod residenzjali mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dan jgħin biex jitnaqqsu u jitneħħew il-waiting lists tal-outpatients u tal-operazzjonijiet.

## 87. Tagħmir u riżorsi umani għall-ġlieda kontra l-kanċer

Ninvestu f'tagħmir u nibnu r-riżorsi umani biex il-pazjenti tal-kanċer ikollhom l-opportunità li jagħmlu t-trattamenti meħtieġa f'Għawdex stess. B'hekk, dawn il-persuni mill-aktar vulnerabbli, jekk possibbli, ma jkollhomx għalfejn jaqsmu lejn Malta biex jingħataw il-kura.

## 88. Is-servizz tal-ultrasound

Naraw ukoll li s-servizz tal-ultrasound fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jiġi offrut 24 siegħa kuljum.

## 89. Servizz ta' radjoloġista residenti

Nintroduċu servizz ta' radjoloġista f'Għawdex biex niżguraw li l-pazjenti Għawdxin jgawdu kompletament u mingħajr dewmien mit-tagħmir li diġà jeżisti fil-gżira.



## 90. Villa Lauri, Birkirkara

Naraw li mill-aktar fis tinfetaħ Villa Lauri f'Birkirkara, biex tibda tintuża b'xejn bħala akkomodazzjoni għall-qraba tal-pazjenti Għawdxin li jkunu rikoverati fi sptar f'Malta.

## 91. Il-Berġa tar-Rabat tiftaħ 24 siegħa

Nimpenjaw ruħna b'mod ċar u konkret li nżommu l-Health Centre tal-Belt Victoria miftuħ u operattiv 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Dan biex niżguraw li kull persuna jkollha aċċess immedjat għal kura primarja ta' kwalità f'kull ħin. Barra minn hekk, se naħdmu biex insaħħu r-riżorsi, kemm tal-ħaddiema kif ukoll fejn jidħol it-tagħmir, biex is-servizz jibqa' effiċjenti, affidabbli u jwieġeb għall-bżonnijiet tas-soċjetà Għawdxija. Din mhix biss wegħda, iżda prijorità biex nipproteġu s-saħħa u l-ġid tal-komunità tagħna.

## 92. Mobile Integrated Care Unit

Nintroduċu servizz ġdid ta' Mobile Integrated Care Unit biex is-servizz mediku jasal għand in-nies. Fost l-oħrajn, minn din l-unità jkun jista' jsir skrinjar kardjovaskulari, testijiet tad-demm u viżti għal mard kroniku bħad-dijabete, mard relatat maċ-ċirkolazzjoni tad-demm u mard tal-qalb.

## 93. Saħħa mentali f'Għawdex

Nagħtu prijorità lis-saħħa mentali f'Għawdex b'servizzi ġodda favur il-kwalità tal-ħajja, bi screening fil-kura primarja. Naraw ukoll li nsaħħu d-Dipartiment tas-Saħħa Mentali, u jinbeda servizz ta' emerġenza għall-każijiet relatati mas-saħħa mentali.

## 94. Tisħiħ tal-professjonijiet mediċi f'Għawdex

Nintrabtu li f'Għawdex naraw żieda fl-ispeċjalisti, fil-professjonisti mediċi u f'allied health practitioners, b'mod speċjali l-ispeech therapists u l-occupational therapists, ħalli l-Għawdxin ikollhom aktar servizzi tas-saħħa ta' kwalità fil-gżira stess.

# Komunità b'opportunitajiet indaqs

## 95. Ċentru terapewtiku speċjalizzat

Ninvestu f'ċentru terapewtiku speċjalizzat li jkun mgħammar b'infrastruttura moderna u li minnu jiġu offruti servizzi speċjalizzati għat-tfal u l-adolexxenti b'diffikultajiet tal-iżvilupp, bħal tfal b'diffikultajiet fit-taħdit u l-komunikazzjoni, tfal bl-awtiżmu u tfal b'ADHD, fost l-oħrajn. L-istess ċentru jkun joffri servizz ta' coaching u sostenn lill-ġenituri u lill-familji ta' dawn it-tfal.

## 96. Ċentru ġdid għal respite u kura fit-tul

Ninvestu wkoll f'ċentru ġdid għall-persuni b'diżabbiltà li jkun joffri servizzi ta' respite u ta' kura fit-tul. Dan ikun jippromwovi l-kunċett ta' independent living, billi jgħin lill-persuni bi bżonnijiet speċjali jgħixu f'appartamenti flimkien.

## 97. Liaison Officer għall-NGOs

Nappuntaw liaison officer fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li jżomm kuntatt kontinwu mal-għaqdiet u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni bi bżonnijiet speċjali f'Għawdex. Hekk niżguraw li kull inizjattiva li jieħu l-Ministeru tkun inklużiva, aċċessibbli, u ta' sostenn għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, skont standards stabbiliti.

## 98. Dar għall-minuri bi problemi

Nifthu dar f'Għawdex għall-minuri li jkunu għaddejjin minn xi abbuż jew ma jkollhomx min jieħu ħsiebhom, biex ma jkollhomx imorru f'homes f'Malta kif jiġri bħalissa. Irriduhom jibqgħu jgħixu qrib il-komunità fejn trabbew.

## 99. L-anzjani jibqgħu fil-komunità

Irridu li l-anzjani tagħna jibqgħu fil-qalba tal-komunitajiet fejn qattgħu ħajjithom, fejn għandhom familja, ħbieb u ċrieki soċjali li jagħtuhom sens ta' appartenenza u dinjità. Għalhekk, se ninvestu b'mod serju u sostenibbli fid-djar moderni u aċċessibbli għall-anzjani fil-komunità stess, mgħammra b'faċilitajiet adegwati u kura professjonali ta' kwalità għolja. Nintrabtu li nifthu mill-anqas żewġt idjar ġodda għall-anzjani f'żewġt irħula differenti f'Għawdex, biex inqarrbu s-servizzi lejn in-nies u nnaqqsu l-bżonn li l-anzjani jitilqu mill-ambjent familjari tagħhom. Dan l-impenn huwa parti minn viżjoni usa' li tpoġġi lill-anzjani fiċ-ċentru tal-politika soċjali tagħna, filwaqt li nsaħħu l-kwalità tal-ħajja tagħhom u nappoġġaw lill-familji tagħhom.

# Serħan tal-moħħ

## 100. Safe place għall-vittmi tal-vjolenza domestika

Noħolqu faċilità apposta u speċjalizzata biex il-vittmi tal-vjolenza domestika jkunu jistgħu jsibu kenn sikur, privat u dinjituż. Din il-faċilità tkun toffri appoġġ immedjat u komprensiv minn social workers, psikologi u professjonisti oħra mħarrġa, biex il-vittmi jiksbu l-għajnuna meħtieġa minnufih, fuq livell emozzjonali, legali u soċjali.

## 101. Skwadra tal-Pulizija speċjalizzata

Niżguraw li l-Korp tal-Pulizija f'Għawdex ikollu skwadra speċjalizzata għall-każijiet tal-vjolenza domestika u għal reati serji bħal traffikar tad-droga, it-traffikar tal-persuni u sfruttament. Nassiguraw ukoll li f'kull lokalità, ta' kuljum u f'kull ħin tal-ġurnata, ikun hemm community police li jagħmlu wkoll rondi fil-komunità.

## 102. Qorti t'Għawdex

Naraw li l-Qorti f'Għawdex tibda topera f'ambjent adegwat, u li tkun attrezzata għall-bżonnijiet tal-lum.

# Aktar faċilitajiet sportivi aċċessibbli għal kulħadd

## 103. Trakka għall-atleti f'Għawdex

Ninvestu fi trakka għall-atleti f'Għawdex li tkun tista' tintuża b'mod speċjali mill-clubs tal-atletika u tat-triathlon f'Għawdex għal kull tip ta' track and field athletics.

## 104. Skate and Bike Park f'Għawdex

Noħolqu Skate and Bike Park f'Għawdex, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fil-gżira Għawdxija.

## 105. Obstacle Course Racing u Target Shooting Range

Ninvestu wkoll f'korsa tal-Obstacle Course Racing u Target Shooting Range f'Għawdex biex ngħinu lil dawn it-tipi ta' sport ikomplu jissaħħu u jikbru fil-popolarità.

## 106. Tisħiħ fil-faċilitajiet tal-futbol

Ngħinu lill-clubs tal-futbol Għawdxin biex iwettqu proġetti ta' faċilitajiet sportivi tal-ogħla livell fil-lokalitajiet tagħhom, inkluż interventi fil-grawnds biex jonqsu l-korrimenti attwali.

## 107. Investiment fil-korsa taż-żwiemel

Naraw li jsir ukoll l-investiment tant bżonnjuż fil-korsa taż-żwiemel ta' Ta' Xħajma u din tiġi mgħammra b'sistema tad-dawl "dark-sky-friendly" b'mod li tkun tista' tintuża filgħaxija u billejl, b'mod speċjali fix-xhur sajfin.

## 108. Faċilitajiet tal-Mediċina tal-Isport f'Għawdex

Nappoġġaw b'mod konkret lis-settur tal-isport Għawdxi biex ikompli jtejjeb il-livell u jilħaq standards ogħla ta' prestazzjoni u professjonalità. Bħala parti minn dan l-impenn, fl-Isptar il-ġdid se noħolqu taqsima speċjalizzata fil-Mediċina tal-Isport, mgħammra b'teknoloġija moderna u mmexxija minn professjonisti kwalifikati, biex l-isportivi jkollhom aċċess għal kura u prevenzjoni ta' korrimenti ta' livell għoli.

Barra minn hekk, se nistabbilixxu Ċentru ta' Rijabilitazzjoni għall-isportivi f'Għawdex, biex atleti ta' kull livell ikunu jistgħu jirkupraw b'mod effettiv u sikur wara xi korriment, filwaqt li jirċievu programmi personalizzati ta' terapija u taħriġ. Dan mhux biss se jtejjeb is-saħħa u l-prestazzjoni tal-isportivi tagħna, iżda jnaqqas il-bżonn li jfittxu servizzi barra minn Għawdex. Din l-inizjattiva hija pass ċar lejn infrastruttura sportiva aktar b'saħħitha u sistema ta' appoġġ moderna għall-komunità sportiva Għawdxija.

## 109. Gozo Indoor Sports & Aquatic Pavilion b'xejn

B'mod immedjat, inneħħu t-tariffi kollha fuq l-użu tal-Gozo Indoor Sports & Aquatic Pavilion, biex il-faċilitajiet ikunu aċċessibbli bla ħlas għal kulħadd u nħeġġu aktar parteċipazzjoni fl-isport.

## 110. Faċilitajiet sportivi u rikreattivi aċċessibbli għal kulħadd

Niżguraw li l-faċilitajiet sportivi u rikreattivi f'Għawdex ikunu ċċertifikati, konformi u aċċessibbli għalkollox għall-benefiċċju tal-persuni bi bżonnijiet speċjali, b'tagħmir u b'teknoloġija moderni li jippermettu użu sħiħ, inkluż tal-pixxina.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek